MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 773/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**Jonathan Zammit ta' 26 sena mwieled 13 ta' Dicembru 1985 Pieta bin Charles u Rita nee Vella u residenti My Nest Spring Street Mosta/Montecarlo Flats no 3 Qawra Road detentur tal-karta ta' l-identita numru**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li permezz taghha huwa gie akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer u cioe fil-Mellieha fil-16 ta' Lulju 2006 ikkommetta serq liema sereq ta' karozza liema serq huwa ta' valur aktar minn Lm1000 (elf Lira) ghad-detriment ta' terzi persuni, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur. :

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi llum wara hames (5) snin mill-kommissjoni tar-reat l-imputat irriforma hajtu u ghalhekk piena karcerarja ma tkunx idonea.

Ghalhekk wara li rat l-artikolu 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghad lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghad lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------